# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1995/98mm**

**Nicholas Cassar Limited**

**vs**

**Noel Cefai**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Ottubru, 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm232.65c) bhala danni kagunati minnu fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAH 043 misjuqa minnu u proprjeta' tas-socjeta' attrici f'incident awtomobilistiku tas-16 ta' Dicembru 1997 ghal liema ncident huwa kien unikament responsabbli minnhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 753/98 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi mhuwiex minnu illi l-konvenut wettaq xi nuqqas;

3. Illi kienu l-atturi li kienu negligenti u li ghalhekk holqu d-danni minnhom imsemmija;

4. Illi l-konvenut kien qed jagixxi waqt ix-xoghol ghal kumpanija attrici li maghha kien impjegat;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-ammont rikjest mill-atturi huwa palezament ezagerat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-vettura illi kien qed isuq il-konvenut BAH 043 hija proprjeta' tas-socjeta' attrici. Fis-16 ta' Dicembru 1997 din il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet involuta f'incident tat-traffiku l-Msida hdejn il-Junior College ma' karozza ohra Mercedes CUT OO1. Jidher illi l-konvenut ma tantx qed

jikkontesta r-responsabbilta' ta' dan l-incident, tant ghal fatt illi dana gara mhux tort tieghu izda minhabba n-nuqqas ta' *'maintenance'* illi kien isir fuq il-karozza illi kien qed isuq.

Is-socjeta' attrici kienet assumiet ir-responsabbilta' ta' dan l-incident peress illi kif xehed l-istess konvenut dakinhar kienet xita, l-van tieghu kien mghobbi, u nduna tard wisq li l-Mercedes kienet waqfet wara l-'stop sign', u bbrekja izda l-karozza skidjat u baqghet diehla f'din l-istess Mercedes. Peress illi l-karozza tas-socjeta' attrici kienet assikurata *'third party'* kienet l-istess socjeta' illi kellha tassumi r-responsabbilta' tat-tiswija taghha. L-ammont ta' danni telghu ghal mitejn hamsa u sebghin lira (Lm275).

Peress illi s-socjeta' attrici dehrilha illi dan l-incident kellu jkun responsabbli ghalih il-konvenut ser ftehim illi jitnaqqsu xi ammonti mill-paga dovuti ta' l-istess konvenut u lahqu tnaqqsu l-ammont ta' erbghin lira (Lm40). Peress illi l-konvenut ma baqax jahdem mas-socjeta' attrici, allura s-socjeta' kellha taghmel din il-kawza sabiex tirkupra l-ammonti bilancjali illi kien ghad fadal.

Is-socjeta' attrici nnegat illi hija kienet qed titraskura din il-vettura. Tant hu hekk illi dina hargitha gdida fl-1994 u kienet tigi *'serviced'* b'mod regolari. Anna Cassar ghan-nom tas-socjeta' attrici qalet illi t-tyres spiss kienu ibiddluhom u jista jaghti l-kaz li xi xhar jew xi zmien wara l-incident tbiddlu t-tyres tal-vettura illi kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut. Dan ta' l-ahhar ighid illi huwa kien ilu javza lis-socjeta' attrici illi t-tyres kienu lixxi, almenu mis-sajf ta' qabel li gara l-incident, izda dana gie negat

minn Anna Cassar fejn qalet illi ma kienetx tiftakar illi l-konvenut avzahhom b'dan il-fattur.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubbju illi l-kawza ta' dan l-incident huwa l-skid illi dahal fiha l-konvenut meta ra l-karozza wieqfa quddiemu. Il-konvenut ighid illi huwa kien jaf illi kellu r-roti lixxi u ghalhekk kien jinkombi fuqu aktar prudenza minn normal fejn l-oneru ta' *'proper look out'* ikun aktar gravanti fil-konfront tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Alfred Attard ( Vol XL VII pt iv pg 1995) gie ritenut li skidd wehidha mhijiex la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Trid issir indagini jekk hemmx negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk dina tirrizulta allura hemm responsabbilta', nonostante l-iskidd, jekk le allura l-iskidd ikun imputabbli ghal *'inevitable accidents'* (ara wkoll Guiseppa Debono vs Philip Camilleri Vol XLII pt 1 pg 112) ghalhekk, l-indagini li trid taghmel din il-Qorti hi, jekk hemmx xi negligenza da parti tal-konvenut.

Kif gia nghad, is-socjeta' attrici kienet assumiet ir-responsabbilta' ta' dan l-incident izda l-konvenut kien qieghed ighid illi dana ma kienx tort tieghu izda tort tas-socjeta' attrici illi ma haditx hsieb il-*'maintenance'* tal-karozza tieghu. Il-Qorti jidhrilha illi minkejja dan, il-konvenut xorta ghandu jitqies responsabbli ghal dan l-incident. Hawnhekk ghandna kaz fejn il-konvenut kien konxju tal-kondizzjoni tal-karozza tieghu, tant hu hekk, illi skond hu gibed l-attenzjoni tas-socjeta' attrici illi din il-

karozza kellha bzonn bdil ta' tyres. Il-konvenut ghazel illi jsuq din il-karozza nonostante illi deherlu illi dawn it-tyres ma kienux tajbin ghat-triq. Jekk ghazel li jaghmel hekk allura messu qaghad ferm u ferm attent meta sab ruhu f'sitwazzjoni fejn l-art kienet imxarrba u probabbilment tizloq minhabba x-xita. Quindi l-konvenut kien jaf illi huwa kellu karozza li kellha potenzjal ta' skidd aktar minn karozzi ohra. Dana kien jinkombi fuqu l-oneru illi jzomm *'a proper look out'* ferm aktar mill-komun. Dana ma jidhirx illi ghamlu. Il-Qorti difficli biex tifhem illi dana ma setghax jinduna bil-karozza Mercedes wieqfa quddiemu wara *stop sign*. It-triq fejn gara l-incident hija wiesa u dritta u l-konvenut kien f'posizzjoni illi jara l-karozza wieqfa quddiemu ferm qabel ma avvicina lejha, ghalhekk messu ha l-mizuri necessarji qabel ma wasal ezattament fuqha u mhux meta kien tard wisq. Bhal ma diga nghad, la l-konvenut kien jaf is-sitwazzjoni tal-karozza tieghu imessu haseb qabel u mhux ihalli ghall-ahhar biex japplika l-brejkijiet.

Din l-iskid li dahal fiha l-konvenut ma tistax titqies bhala *inevitable accident.* Dana mhuwiex kaz fortuwitu fejn il-konvenut sab ruhu infaccat f'sitwazzjoni illi ma setghax jipprevedi. Is-sitwazzjoni illi kien qed isuq fiha l-konvenut kienet ferm prevedibbli mehud kont il-kondizzjoni tal-karozza tieghu li taghha l-konvenut kien ben konxju.

Ghalhekk il-Qorti ma jidhirliex li l-konvenut ghandu jwahhal fis-socjeta' attrici ghal xi nuqqas da parte tieghu illi wassal ghal dan l-incident. Ma jistax isib skuza fil-fatt illi s-socjeta' attrici ma biddlitx it-tyres meta kien hu stess li gibed l-attenzjoni ta' l-istess

socjeta' li dawn it-tyres kellhom bzonn jinbidlu. Apparti l-fatt illi hemm kontroversja dwar kellhomx jinbidlu jew le, il-pern tal-kwistjoni kollha tibqa ddur fuq il-mizuri illi ha l-konvenut biex jevita dan l-incident, mizuri illi kienu ferm prevedibbli ghalih u li setgha jadotta fil-hin biex jevita dan is-sinistru. Ghal dak li jirrigwarda d-danni, s-socjeta' attrici pprezentat id-dokumentazzjoni necessarja biex tiggustifika l-ammont illi qed titlob f'dan l-avviz. Id-danni kif deskritti f'dawn id-dokumenti huma kompatibbli ma' hsarat subiti fil-karozza f'incident frontali u ghalhekk dawn id-danni jimmeritaw konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm232.65c) bhala danni kagunati minnu fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAH 043 misjuqa mill-istess konvenut u proprjeta' tas-socjeta' attrici f'incident awtomobilistiku tas-16 ta' Dicembru 1997 ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minnhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-konvenut mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Anthony Zammit

Dep Reg